# 360 SENA PARROĊĊA 1634-1994

In-nies kienet drat tisma' l-quddies u tirċievi l-biċċa l-kbira tas-sagramenti f'Ħal Luqa stess. Kien jonqos biss li r-raħal isir parroċċa.

L-irħula ta' madwar kienu qed isiru parroċċi wieħed wara l-ieħor: Ħal Kirkop u Ħal Tarxien fl-1592; l-Imqabba u Ħal Safi fl-1598; u l-Qrendi fl-1618. Dawn, barra l-Qrendi, kienu jagħmlu mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ; għalhekk ix-xewqa li Ħal Luqa wkoll issir parroċċa bħalhom kompliet tikber f'dawn is-snin. Xi Ħalluqin, li għamlu t-testmenti tagħhom fis-snin 1620-30, ħallew xi legati lill-knisja ta' Sant'Andrija "jekk din il-knisja ssir parroċċa".

L-Isqof Cagliares fil-viżta pastorali ta' Jannar 1630, ħeġġeġ lill-Ħalluqin jibnu knisja akbar u juru x-xewqa tagħhom Ruma. Dak li kienu qed jistennew – ħasbu mill-ewwel mhux biss biex jiktbu Ruma imma wkoll biex jibdew jibnu l-knisja l-ġdida.

Il-ħeġġa tal-Ħalluqin narawha b'mod speċjali f'Bażilju Farrugia. Kien prokuratur tal-knisja ta' San Ġiljan. Meta kienet ipprofanata fl-1630, Farrugia, f'kuntratt li għamel mal-prokuraturi tal-knisja ta' Sant'Andrija, wiegħed li jaghti fi żmien erba' xhur tletin skud għall-bini tal-knisja l-ġdida. Intrabat ukoll li jagħti għall-istess skop il-ġebel tal-knisja ta' San Ġiljan. Min-naħa tagħhom il-prokuraturi tal-knisja tawh il-kelma li wieħed mill-altari fil-knisja l-ġdida jkun iddedikat lil San Ġiljan. Bażilju seta' wkoll jagħmel qabar għalih u għal niesu ħdejn l-altar.

Biex il-għan tagħhom jintlaħaq mill-aktar fis, il-Ħalluqin ħasbu jtellgħu kumitat biex jieħu ħsieb ta' kollox. Mill-ewwel raw li, għalkemm il-ħeġġa li wera Bażilju kienet ta' min ifaħħarha, b'danakollu ma setgħux jimxu 'l quddiem jekk ma jkunux ilkoll fehma waħda.

Fil-kumitat insibu tlieta min-nies: Luqa Ellul, Bażilju Farrugia u Anġlu Mallia.

Luqa Ellul twieled il-Gudja minn Duminku u Katerina fl-24 ta' Ġunju, 1595. Ommu kienet Ħalluqija, bint Marjanu Camilleri, is-sagristan ta' Birmiftuħ. Wara l-mewt ta' żewġha, ommu żżewġet lil Bażilju Farrugia u ġiet toqgħod Ħal Luqa. Fl-1614 Luqa kien ġa kjerku. Fit-30 ta' Diċembru, 1617, iżżewweġ lil Anġelika, l-armla ta' Pietru Buhagiar. Kien Luqa li mexxa l-kumitat. Kien hu li bħala "prokuratur tal-poplu ta' Ħal Luqa" kiteb Ruma biex ir-raħal isir parroċċa.

Bażilju Farrugia, missieru tar-rispett, wera l-istess ħeġġa ta' qabel. "Ħadem ħafna," igħidilna l-kappillan Cassia, "biex Ħal Luqa tinfired minn Birmiftuħ u ssir parroċċa".

Anġlu Mallia, sa mill-1624, kien prokuratur tal-knisja ta' Sant'Andrija u bi flusu kien jieħu ħsieb l-altari tat-Twelid u ta' l-Ispirtu s-Santu li kien hemm f'din il-knisja.

Malli twaqqaf il-kumitat, Ellul, Farrugia u Mallia marru jkellmu l-kappillan u jaraw x'kellu jsir biex Ħal Luqa tkun tista' tinfired minn Birmiftuħ.

Fit-talba li saret biex Ħal Luqa ssir parroċċa tfissru sewwa r-raġunijiet ewlenin għaliex kien hemm bżonn isir hekk. L-ewwelnett bejn Ħal Luqa u Birmiftuħ kien hemm ġibda ġmielha. It-tieni il-morda u x-xjuħ, li kienu jixtiequ jmorru għall-funzjonijiet li kienu jsiru fil-knisja parrokkjali, kienu jaqtgħu qalbhom mill-wied li kien jifred iż-żewġ irħula.

L-Isqof Cagliares ħatar lill-Vigarju Ġenerali u l-assessur tal-kurja, V. Abela, jieħdu x-xhieda minn għand erbgħa min-nies li turi s-sewwa dwar dawn il-punti li taqjmu. L-inkjesta saret fis-17 ta' Ġunju, 1631. Ix-xhieda kienu Salvu Gatt mill-Belt, Silvestru Azzopardi minn Ħal Qormi, Katald Baldacchino minn Ħal Lew u fl-aħħarnett Pawlinu Agius, "bħala wild Ħal Luqa".

Kollha qablu li bejn iż-żewġt irħula kien hemm mil jew iżjed, li kien hemm wied jifridhom u t-triq kienet imwiegħra. Għal dawn ir-raġunijiet, qalu huma, ix-xjuħ u l-morda kienu jsibuha bi tqila ħafna biex imorru sal-parroċċa ta' Birmiftuħ.

L-istess kappillan ta' Birmiftuħ, Dun Marju Mallia, qabel magħhom u ta l-kunsens tiegħu biex Ħal Luqa ssir parroċċa.

Wara dan, ir-rikors intbagħat Ruma.

Il-Papa Urbanu VIII bagħat id-digriet għat-twaqqif tal-parroċċa lill-Vigarju Appostoliku Fra Salvatore Imbroil.

Id-Digriet, li jġib id-data ta' l-4 ta' Marzu, 1632, jibda biex igħid "...Fit-twettiq ta' dmirna, bħala ragħaj ħerqan għall-merħla tal-Mulej, bil-qalb kollha nħarsu lejn dak li għandu x'jaqsam mal-ġid tal-fidili f'dak li hu s-smigħ tal-quddies, uffiċċju divin u amministrazzjoni tas-sagramenti... Aħna wkoll nagħarfu l-ħtieġa għat-twaqqif ta' knejjes parrokkjali ġodda skond ma naraw li jaqbel għall-ġid tal-fidili... It-talba li dan l-aħħar tressqet lilna f'isem uliedna, il-kumitat u n-nies ta' Ħal Luqa, fil-djoċesi ta' Malta, titkellem fuq..."

Hawnhekk jissemmew ir-raġunijiet li ta l-kumitat biex isaħħaħ it-talba tiegħu għat-twaqqif tal-parroċċa. Id-digriet ikompli igħid: "Biex għal quddiem il-qagħda titjieb, il-kumitat f'ismu u f'isem il-Ħalluqin wera kemm tkun ħaġa għaqlija li l-knisja ta' Ħal Luqa tinħall mill-parroċċa ta' Birmiftuħ u ssir knisja parrokkjali. Xi nies magħżula mill-imsemmi raħal (i.e. il-kumitat) ftiehmu fuq dan – bil-kundizzjonijiet li ġejjin – ma' l-iben għażiż tagħna, Marju Mallia, ir-rettur attwali tal-knisja parrokkjali, dejjem jekk jogħġob lilna u lis-Sede Appostolika".

Il-kundizzjonijiet fil-qosor kienu dawn:

i) il-knisja ta' Ħal Luqa kellha tagħti sittin skud fis-sena lil Dun Marju Mallia sakemm idum ħaj;

ii) ma setgħux jittieħdu flus, beni, ilbies tal-knisja, eċċ mill-pussess tal-knisja ta' Birmiftuħ biex jingħataw lill-knisja ta' Ħal Luqa;
iii) l-ispejjeż kollha, sew f'Ruma kif ukoll f'Malta, tad-digrieti kollha tħallashom il-knisja ta' Ħal Luqa;
iv) kellha tibda tħallas ukoll nofs il-flus, jiġifieri seba' rbajja' u nofs, li l-knisja ta' Birmiftuħ tagħti lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt, bħala għajnuna lis-Seminarju;
v) il-legati u l-fundazzjonijiet ta' quddies magħmulin mill-Ħalluqin f'Birmiftuħ kellhom jibqgħu f'din il-knisja u mhux ikunu meħuda fil-knisja ta' Ħal Luqa; fl-aħħarnett:
vi) id-drittijiet kollha tal-knisja li jinġabru f'Ħal Luqa sal-pussess tal-parroċċa mill-kappillan, ikunu ta' Dun Marju Mallia; wara jibdew jingħataw lill-kappillan ta' Ħal Luqa.

Id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa ma twettaqx minnufih. Sadanittant l-inkwiżitur Martino Alfieri beda jmexxi d-djoċesi ta' Malta bħala Delegat Appostoliku minflok il-pirjol Salvatore Imbroll. Kien hu li rċieva minn Ruma l-konferma tad-digriet bid-data tal-15 ta' Marzu, 1634 biex Ħal Luqa ssir parroċċa.

Fid-9 ta' Mejju, 1634, fil-preżenza ta' l-inkwiżitur Alfieri, Dun Wistin Cassia li kien ġa magħżul biex ikun l-ewwel kappillan ta' Ħal Luqa, u Luqa Ellul iffirmaw id-digriet ta' l-4 ta' Marzu 1632 u tal-15 ta' Marzu 1634 biex juru li jaċċettaw f'isimhom u f'isem il-poplu Ħalluqi l-kundizzjonijiet kollha li kien fihom. Dun Marju Mallia kien mgħarraf b'dan kollu mill-messaġġier ta' l-inkwiżitur, Pawlu Seychell.

Fil-15 ta' Mejju kien ippubblikat dan id-digriet:

"Martino Alfieri, imħallef Kummissarju Ġenerali ta' l-Inkwiżizzjoni għall-gżejjer ta' Malta u Għawdex... wara li stħarreġ it-talba ta' Luqa Ellul, prokuratur tal-poplu ta' Ħal Luqa... bl-awtorità appostolika mogħtija lilna permezz ta' Ittri Appostoliċi oħra, li waslulna minn Ruma, bid-data tal-15 ta' Marzu 1634, minn għand il-Q.T. il-Papa Urbanu VIII, *nifirdu għal dejjem l-imsemmija Ħal Luqa... mill-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ.* Id-deċmi u d-drittijiet flimkien mal-kura ta' l-erwieħ jaqgħu mil-lum 'il quddiem f'idejn il-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija, dejjem skond il-kundizzjonijiet Appostoliċi..."

"Mogħti mill-palazz tagħna, fil-15 ta' Mejju, 1634. M. Alfieri, Inkwiżitur Appostoliku, Dun Salvatore Burlò, Kanċillier ta' l-Imqaddsa Inkwiżizzjoni".

Ma kienx baqa' ħaġa oħra għall-Ħalluqin ħlief li jassistu għall-pussess tal-kappillan biex jaraw dak li kienu talbu għalih erba' snin qabel iseħħ. Dakinhar stess, il-15 ta' Mejju, Dun Wistin Cassia, S. Th. D., qassis żagħżugħ ta' tletin sena minn Ħal Qormi, ħa l-pussess tal-parroċċa.

Hekk bdiet il-mixja tal-parroċċa ta' Ħal Luqa sal-ġurnata tal-lum.

---

*Meħuda mill-ktieb: "Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha", ta' Dun Ġ. Micallef*